**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 682/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Vs**

**Francesco Brincat**

**Illum 6 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Francesco Brincat**, iben Joseph Brincat u Connie Wendy neeè Cassar, imwieled il-Pietà fis-27 ta' Ottubru 1999 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 374599M, talli fl-20 ta' Novembru 2022, għall-ħabta ta' 11:15hrs, ġewwa Pjazza Patri Magri u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Volontarjament mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periku ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Vincent Falzon, dan skond ma ċċertifikat Dr. Shana Marie Mifsud, Med. Reg. No. 6528, mill-Isptar Mater Dei, liema offiża ġiet magħmula b'arma rregolari u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli ħebb għal Vincent Falzon sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu l-ħsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar għamel inġuri jew theddid jew provokazzjoni b'mod li ħareġ mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Vincent Falzon u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli saq il-vettura ta' l-għamla Mazda bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ECN-056 b'manjiera bla kont u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurtà ta' Vincent Falzon u Jacqueline Debattista u/jew individwi oħra biex tinżamm il-bon ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza u dan skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurtà ta' Vincent Falzon u Jacqueline Debattista, billi tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' Francesco Brincat u dan skond l-Artikolu 382A et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tissosspendi l-liċenzja ta' sewqan ta' Francesco Brincat għal perijodu li jidhrilha xieraq;

Rat illi l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "IV1" sa' Dok. "IV6" a fol. 8 sa' 16 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Vincent Falzon u Jacqueline Debattista, permezz ta' Digriet datat 21 ta' Novembru 2022[2];

Semgħet ix-xhieda ta' PS1469 Emerson Borg[3], ta' PC491 Gabriel Portelli[4], ta' Jacqueline Debattista[5], ta' l-Ispettur Ian Vella[6] u ta' Vincent Falzon[7] mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022 u rat id-dokument esebit minn PS1469 Emerson Borg markat Dok. "EB" a fol. 28 sa' 32 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Shana Marie Mifsud[8] u ta' PC454 Shaun Mifsud[9] mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2023, semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Frar 2023[10] u tas-26 ta' April 2023[11] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SCT" a fol. 73 u 74 tal-proċess u Dok. "SCTX" a fol. 88 u 89 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Andy Rotin mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023[12] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "RT" a fol. 78 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-

[1] Fol. 7 tal-proċess.
[2] Fol. 19 tal-proċess.
[3] Fol. 25 sa' 27 tal-proċess.
[4] Fol. 33 sa' 35 tal-proċess.
[5] Fol. 36 sa' 43 tal-proċess.
[6] Fol. 44 sa' 46 tal-proċess.
[7] Fol. 47 sa' 52 tal-proċess.
[8] Fol. 56 sa' 58 tal-proċess.
[9] Fol. 59 u 60 tal-proċess.
[10] Fol. 71 u 72 tal-proċess.
[11] Fol. 87 tal-proċess.
[12] Fol. 77 tal-proċess.

seduta tas-26 ta' April 2023[13] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "SC" a fol. 83 sa' 86 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[14] mogħtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' Ġunju 2023[15] u tat-18 ta' Lulju 2024[16] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 93 sa' 102 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023[17] u x-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2024[18] u rat iċ-ċertifikati esebiti minnu markati Dok. "JS1" sa' Dok. "JS3" a fol. 128 sa' 130 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali datata 2 ta' Ġunju 2023[19], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju 2023[20], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkunsidrat:

L-imputat qed jiġi mixli talli fl-20 ta' Novembru 2022, għall-ħabta ta' 11:15hrs, ġewwa Pjazza Patri Magri u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Volontarjament mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periku ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Vincent Falzon, dan skond ma ċċertifikat Dr. Shana Marie Mifsud, Med. Reg. No. 6528, mill-Isptar Mater Dei, liema offiża ġiet magħmula b'arma rregolari; (2) U aktar talli ħebb għal Vincent Falzon sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu l-ħsara; (3) U aktar għamel inġuri jew theddid jew provokazzjoni b'mod li ħareġ mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Vincent Falzon; (4) U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku; (5) U aktar talli saq il-vettura ta' l-għamla Mazda bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ECN-056 b'manjiera bla kont; (6) U aktar talli irrenda ruħu reċidiv ai

[13] Fol. 82 tal-proċess.
[14] Nominat permezz ta' Digriet mogħti fis-26 ta' April 2023.
[15] Fol. 92A u 92B tal-proċess.
[16] Fol. 122 u 123 tal-proċess.
[17] Fol. 107 sa' 110 tal-proċess.
[18] Fol. 125 sa' 127 tal-proċess.
[19] Fol. 104 tal-proċess.
[20] Fol. 105 tal-proċess.

termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 2 ta' Ġunju 2023[21], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

L-**Ispettur Ian Vella**[22] xehed illi *l-Ħadd 20 ta' Novembru tas-sena 2022, jiena kont l-Ispettur tal-għassa fl-Għassa tal-Ħamrun fejn ġejt infurmat mis-Surġent 1469 illi kien għadu kif daħal rapport fejn persuna ġie aggredit b'oġġett fil-Marsa fi Pjazza Patri Magri, il-Marsa, u l-persuna ttieħed l-Isptar Mater Dei. Jiena ġejt infurmat illi l-allegat aggressur fuq Vincent Falzon kien qed isuq vettura bajda b'veloċità mill-istess triq, fejn aħna min-naħa tagħna bdejna l-istħarriġ tagħna biex niċċekkjaw il-cameras għaliex min-naħa tagħna dak il-ħin ma kellniex number plate tal-vettura u allura biex inkunu nistgħu nidentifikaw lill-persuna. Sakemm qed isir l-istħarriġ, Vincent Falzon kien laħaq ġie rilaxxat mill-Isptar fejn ġie l-Għassa u pprovdielna wkoll kopja taċ-ċertifikat mediku. Fil-fatt imbagħad, iċ-ċertifikat oriġinali ġie miġbur iktar tard mill-Pulizija, fejn iċ-ċertifikat kien qed jidher li l-feriti li ġarrab kienu ta' natura gravi. Iċ-ċertifikat inħareġ fil-ġurnata stess jiġifieri qed nitkellmu l-Ħadd 20 ta' Novembru. F'dak l-istadju, aħna bdejna nistaqsu xi domandi oħra fejn jistgħu jidentifikaw lill-persuna, fejn Jacqueline infurmatna illi hu jismu Francesco, bħala kunjom tagħtna kunjom ta' ommu xebba u minn stħarriġ li għamilna, minħabba l-fatt li qaltilna tal-White Star u hekk, minħabba li missieru għandu l-ħanut tal-White Star, aħna iċċekkjajna wkoll fis-sistema tagħna fejn sibna xi rapporti relatati ma' missieru, qabbilna r-riżultati u irriżultalna li kien Francesco Brincat. Iżda, biex aħna nkunu ċerti wkoll, iċċekkjajna wkoll il-Facebook, li aħna m'għandniex aċċess għaliex m'aħniex Friends miegħu w urewna l-Facebook tiegħu u qabbilna r-ritratt li għandna fuq is-sistema tagħna ma' xi ritratti li kien hemm fuq il-Facebook. Meta aħna sirna nafu min hi l-persuna, inħareġ Mandat ta' Arrest li ġie ffirmat mill-Maġistrat Dr. Marseann Farrugia u l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Arrest ġie eżegwit l-għada filgħodu, fejn Francesco Brincat imbagħad ġie quddiemi u jien ħadt l-istqarrija fil-presenza ta' PC1369 Jurgen Hamilton.*

[21] Fol. 104 tal-proċess.
[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 44 sa' 46 tal-proċess.

L-istqarrija ta' l-imputat tinsab esebita bħala Dok. "IV6" a fol. 14 sa' 16 tal-proċess u fir-rigward l-Ispettur Vella xehed illi *waqt l-istqarrija, kif inhi l-proċedura, jiena staqsejt xi domandi fejn Francesco* (illi l-Ispettur għarfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri) *ammetta l-involviment tiegħu f'dan l-inċident fejn ġie mistoqsi wkoll dwar l-oġġett illi ġie użat għall-aggressjoni jekk kien fil-pussess tiegħu qabel jew le u huwa stqarr illi hu dak il-ħin qabad oġġett minn ġo rubbish u użawh sabiex jaggredixxi lil Vincent Falzon. Fil-fatt aħna, bħala Pulizija, kif għidna, ma sibniehx dan l-oġġett meta għamilna l-istħarriġ il-ġurnata ta' qabel u meta ġie mistoqsi stqarr illi hu kien remieh imma ma jafx eżatt fejn kien remieh. … ingħata d-drittijiet kollha tiegħu, inkluż b'ta' l-avukat u kollox, fejn hu ikkonsulta ma' Dr. David Gatt imma meta kien qed jiġi interrogat, hu kien minn jeddu qal li m'għandux bżonn l-avukat ikun preżenti waqt l-istqarrija. Ovvjament jien min-naħa tiegħi staqsejtu jekk iddispjaċhiex għal dak il-fatt li kien għamel, fejn hu wera li ddispjaċieh għall-fatt u ġara li ġara, Francesco stqarr miegħi illi Vincent kien offendieh b'ommu, fejn dak iż-żmien, ommu kienet għaddejja minn xi problemi ta' saħħa u dak il-ħin litteralment intilef u aġixxa b'dak il-mod minħabba dak il-fatt. Imma hu kemm-il darba rrepetili waqt l-istqarrija jiġifieri u anke wara, illi ddispjaċieh għal dak li għamel.*

In kontro-eżami l-Ispettur Vella qara *verbatim* dak li wieġbu l-imputat għall-mistoqsija waqt l-istqarrija *"tirrakkontali waħda x'ġara l-bieraħ?"*, fejn dan qallu *jiena kont qiegħed għaddej fil-kantuniera tat-triq tal-Pjazza Patri Magri u hu kien miexi fit-triq. Issa dan beda jikkummiedja u jxejjer idu u jgħajjat qisu għandu raġun hu għax kien f'nofs tat-triq. Jien ovvjament ma smajtux dak il-ħin għaliex kelli t-twieqi mtellgħin. Niżżilt it-tieqa u jien għedtlu illi l-bankina qiegħda hemm biex jimxu n-nies fuqha u mhux f'nofs tat-triq u dak il-ħin beda joffendini u beda jgħidli f'oxx il-liba ommi. Dak il-ħin soqt l-isfel u erġajt dawwart fl-istess pjazza u hu baqa' jikkummiedja u anke pprova jiġi joħroġni minn ġol-vettura, dak il-ħin rajt dalma sewda għax baqa' joffendi lill-ommi. Ħriġt minn ġol-karozza, mort għalih, iżda ma niftakarx eżatt x'għamilt.*

**PS1469 Emerson Borg**[23] xehed illi *nhar l-20 ta' Novembru ta' din is-sena* (ossia 2022)*, għall-ħabta tal-ħdax u kwart ġejt infurmat mill-Control Room tal-Pulizija li seħħet aggressjoni fi Pjazza Patri Magri, il-Marsa, u ambulanza kienet ġejja fuq il-post. Jiena bgħatt liż-żewġ kunstabblijiet kollegi tiegħi, PC491 u PC454, fejn marru fuq il-post u tkellmu mal-vittma, ċertu Vincent Falzon, fejn allegatament stqarr illi kienu għaddejjin hu u l-partner tiegħu, ċertu Jacqueline, fejn infurmawni illi kien għaddej ċertu Francesco, it-tifel ta' l-owner tal-White Stars, kif qalulhom dak il-ħin, u Vincent ġie meħud l-Isptar Mater Dei. Jiena daħħalt ir-rapport bl-informazzjoni illi tawni l-kuntistabblijiet tiegħi, imbagħad ġejt infurmat mill-Isptar Mater Dei illi Vincent Falzon ġie ċċertifikat bi ġrieħi gravi, imbagħad aktar tard, wara li ġie rilaxxat mill-Isptar, kellimt lil Vincent u lil Jacqueline l-Għassa biex jgħiduli minn hu dan Francesco, fejn imbagħad qaluli li Francesco Brincat jgħix il-Marsa.* Minn stħarriġ ulterjuri li għamel is-Surġent, irriżulta dan kien Francesco Brincat, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 374599(M).

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 25 sa' 27 tal-proċess.

Is-Surġent Borg xehed ulterjorment illi *jien infurmajt lill-Ispettur bir-rapport u b'kollox. L-involviment tiegħi mbagħad, għamilt stħarriġ minħabba l-cameras imma rriżultaw fin-negattiv u hawn kollox imniżżel fl-okkorrenza* - li ġiet minnu esebita bħala Dok. "EB" a fol. 28 sa' 32 tal-proċess. Mistoqsi jekk għall-ewwel il-Pulizija kellhomx diffikultà biex jirrintraċċjaw lill-allegat aggresur, PS1469 wieġeb *iva, ma kellniex biżżejjed informazzjoni biex inkunu nafu min hu dan Francesco fil-bidu, imbagħad ġibt il-vittmi l-Għassa u tawni aktar informazzjoni, fejn wasalt għalih.*

**PC491 Gabriel Portelli**[24] xehed illi *nhar l-20 ta' Novembru tas-sena 2022, għall-ħabta tal-11:30a.m., jiena flimkien mal-kollega tiegħi PC454, konna qegħdin fuq ronda ġewwa Triq Patri Magri, fejn hemmhekk għamlulna s-sinjal ċertu nies illi kien hemm bżonn l-għajnuna tagħna ġewwa Pjazza Patri Magri ... Marsa. Għaldaqstant, jiena flimkien mal-kollega tiegħi PC454 morna fit-triq imsemmija fejn hemmhekk sibna raġel, ċertu Vincent Falzon, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 537162(M), fejn huwa kien qiegħed fil-kantuniera tat-triq u seta' jiġi nnotat illi kellu d-demm ma' rasu kif ukoll kien nieżel għal wiċċu. Għaldaqstant, jiena daħħalt lil Vincent Falzon ġewwa l-vettura minħabba li kienet nieżla x-xita u kien qiegħed stordut, fejn hemmhekk tajnieh l-ewwel assistenza medika kif stajna sakemm tiġi l-ambulanza. Sadanittant, infurmana wkoll is-Surġent PS1469 illi ġie infurmat mill-Control Room tal-Pulizija illi kien hemm bżonn l-assistenza tagħna fejn aħna infurmajnieh illi digà konna qegħdin fuq il-post. Għaldaqstant, PC454 baqa' mal-partner ta' Vincent Falzon, ċertu Jacqueline Debattista, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità numru 130369(M), fejn hemmhekk beda jieħu ċertu informazzjoni li tista' tkun ta' iktar għajnuna għall-investigazzjoni. Sadanittant ġiet l-ambulanza fuq il-post fejn ġie n-nurse 5113, fejn seta' jagħti iktar assistenza lill-vittma. Waqt li jiena kont qed nagħti daqsxejn assistenza lil Vincent Falzon, jiena staqsejtu x'ġara fejn huwa qalli li kienu mexjin ġewwa Triq Patri Magri, il-Marsa, fejn hemmhekk kienet għaddejja karozza ta' kulur abjad li kienet għaddejja b'veloċità daqsxejn għolja u għamillu s-sinjal sabiex inaqqas l-ispeed. Huwa stqarr illi l-persuna msemmija u cioè li kienet qed issuq il-karozza, niżel mill-karozza u aggredih b'oġġett fejn huwa stqarr li kienet qisha lembuba. Huwa stqarr illi mad-daqqa waqa' ma' l-art kif ukoll waqalu n-nuċċali illi nkisirlu.* Mistoqsi jekk din l-allegata lembuba li skond Vincent Falzon intużat fl-aggressjoni, instabitx mill-Pulizija, PC491 Gabriel Portelli wieġeb fin-negattiv.

**PC454 Shaun Mifsud**[25] essenzjalment ikkonferma dak li xehed dwaru PC491 Gabriel Portelli.

**Stephen Cachia**[26], in rappreżentanza ta' Transport Malta, ippreżenta dokumentazzjoni - Dok. "SC" a fol. 83 sa' 89 tal-proċess - minn liema jirriżulta li l-vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ECN-056 hija reġistrata f'isem ċertu Joseph Brincat, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 262362(M).

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 33 sa' 35 tal-proċess.
[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2023, fol. 59 u 60 tal-proċess.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2023, fol. 82 tal-proċess.

L-**Ispettur Andy Rotin**[27] ippreżenta sentenza pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Ġunju 2019, fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francesco Brincat" - Dok. "RT" a fol. 78 tal-proċess.

**Jacqueline Debattista**[28] xehdet illi l-Ħadd, skontha l-21 ta' Novembru 2022, għall-ħabta tal-11:15a.m., hi, flimkien mal-partner tagħha Vincent Falzon, kienet miexja fi Pjazza Patri Magri ġewwa l-Marsa u x'ħin kienu qed jaqsmu minn naħa għal oħra, għaddiet karozza tgħaġġel u x-xufier qalilhom biex jitilgħu fuq il-bankina u Vincent Falzon irrispondih u qallu biex isuq bil-mod. Mistoqsija min kien ix-xufier tal-vettura, Jacqueline Debattista wieġbet illi kien Francesco u għarfitu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri. Xehdet ulterjorment illi *Francesco offenda lill-vittma u l-vittma qallu xi kelma wkoll. Imbagħad għaddiet u wara xi 10 minuti reġa' ġie Francesco, hu m'għarafniex u jiena għidtlu "Francesco, x'se tagħmel?" għax jiena għaraftu u laħaq tah id-daqqa u telaq. Dik kienet l-istorja. Jiġifieri dan mar u wara xi 10 minuti reġa' ġie*. Debattista ddikjarat illi Vincent Falzon qala' daqqa f'rasu u kompliet tgħid illi *mbagħad in-nies bdew iċemplu għall-ambulanza, ġew il-Pulizija, dak intilef naqra minn sensih għax ma stennihiex din għax hu kulma ried jgħidlu biex isuq bil-mod darba oħra għaliex hu jafu żgħir jiġifieri u ma ppretendiex li se jiġri hekk. … Imbagħad ġew il-Pulizija, il-Pulizija mmedikawh, imbagħad ġiet l-ambulanza, morna l-Isptar u ħadulu l-x-rays. … bħalissa hu jqum ħafna bil-lejl, tiġih dik it-trawma, jibda jibki u jgħid "Għalfejn ġrali hekk? Jiena ma ħaqqnix hekk" għax ma stennejnihiex u anke jiena kif rajtu ppruvajt inżommu u bdejt ngħidlu "Fracesco, x'se tagħmel?" biex ma jagħmilhiex imma laħaq taħielu u telaq imbagħad.*

In kontro-eżami Jacqueline Debattista spjegat illi *konna fuq il-bankina, konna qed naqsmu u konna qed nistennew li mhux ġejjin karozzi. Niftakar li kienet ix-xita, qsamna u rajna karozza għaddejja tgħaġġel u xxarrabna. … aħna konna qegħdin naqsmu, rajna li mhux ġejjin karozzi u qsamna għax kienet ix-xita. … Imbagħad rajna karozza ġejja u nħsilna u l-vittma qallu "Suq bil-mod". … Semgħu għax hu offendieh imbagħad. … Francesco offendieh u l-ieħor għamel bħalu.* Mistoqsija jekk il-vettura kellhiex it-twieqi mniżlin jew le, Debattista wieġbet *emminni ma niftakarx għaliex din ma stennejthiex illi se jerġa' jiġi lura għax dan telaq u wara ftit reġa' ġie, jien għaraftu għidtlu "X'se tagħmel b'idejk Francesco?". … It-tnejn offendew bil-mejtin u l-ieħor għandu l-mara mejta imma hu offenda l-ewwel għax dan kulma qallu biex isuq bil-mod.* Mistoqsija min beda joffendi l-ewwel, Jacqueline Debattista wieġbet *Francesco u l-ieħor irrispondieh. Jien qed ngħid il-verità u m'għandix għalfejn nigdeb. Imbagħad telaq, tlajna fil-karozza biex immorru nbiddlu għaliex konna mxarrbin u wara 10 minuti reġa' ġie. Waqaf gass down u jiena għidtlu biex jieqaf lil Francesco.* Mistoqsija biex l-imputat beda jagħti lil Vincent Falzon, hija wieġbet *jiena rajt xi ħaġa sewda hekk, qisha kienet bil-ġilda imma ma nafx eżatt. Qisha lembuba rqiqa kienet imma.*

**Vincent Falzon**[29] xehed illi fl-20 ta' Novembru 2022 *ipparkjajt il-karozza, kienet il-Pjazza Magri Street jew x'jisimha, u f'daqqa waħda, jien kont qed naqsam, u għaddiet il-karozza b'saħħitha u jien għditlu "Suq bil-mod", jiġifieri m'għidtlu xejn*

---

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, fol. 77 tal-proċess.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 36 sa' 43 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 47 sa' 52 tal-proċess.

*ħażin jew hekk. Imbagħad offendieni. Dan kulħadd għandu l-mejtin għax inutli se noqogħdu ngħidu, noqgħod noffendi lil dak u lill-ieħor u baqa' sejjer sparat. Kien hemm karozza oħra, kien għaddej peress li hemm salib it-toroq u baqa' ħiereġ u beda jdoqqlu tal-karozza l-oħra, u rkibna ġol-karozza u qed nimsaħ in-nuċċali ġol-karozza, konna qed inpejpu sigarett qabel ma nitilqu lejn id-dar u npoġġu s-shopping id-dar u f'daqqa u l-ħin, qabad u reġa' ġie għalija. Beda joffendini, jgħidli biex noħroġ minn ġol-karozza u ħafna paroli fil-vojt. Jiena ħriġt u f'daqqa u l-ħin nieħu d-daqqa ġo rasi. Peress illi n-nuċċali nkisirli, ma nafx biex tahieli d-daqqa. Naf li bis-saħħa tad-demm tljat naqra fuq saqajja u ħarab. Imbagħad ċemplu lill-Pulizija, ġew mill-ewwel u qdewni u kollox, tefgħuni ġol-karozza tal-Pulizija bid-demm nieżel għax f'għajni u ma bdejt nara xejn ħlief ħmura, imbagħad ġiet l-ambulanza wkoll u ġie jdewwini u qalli "issa inti minn hawn għall-Isptar" u ma nafx xejn iżjed. … Xi l-11:15a.m. ħaduni l-isptar u domt sa' xis-6:30p.m. u ħaduli l-x-rays u hekk u daru bija. … Naħseb xi punti għamluli. Issa għandi mmur nhar it-Tnejn nerġa' biex ineħħuli kollox u jneħħuli d-demm magħqud.* Falzon iddikjara li huwa pensjonant, u mistoqsi jekk qattx kellu kwistjonijiet mal-persuna li aggredietu, wieġeb fin-negattiv

In kontro-eżami Vincent Falzon xehed illi *l-bankina qiegħda biex ngħaddu minnha u jiena kont qed naqsam għax zebra cross m'hemmx. … Kif kont qed naqsam, il-karozza għaddiet sparata hekk minn wara l-kantuniera. … imbagħad għadda u jiena għidtlu "suq bil-mod għax qed ixxarrabna" bl-ilma li kien hemm. Kien għaddej bi speed qawwi.* Mistoqsi kif, jekk kien għaddej bi speed qawwi u hu laħaq qasam u l-vettura tajjret l-ilma, l-imputat semgħu jgħaddi dak il-kumment, Falzon wieġeb *lili qalli biex nitla' l-bankina u jiena għidtlu li bilfors irrid naqsam biex nitla' l-bankina, sa' fejn naf jien. Kulma għidtlu biex isuq bil-mod biss jiġifieri ma kellux għalfejn jagħmel hekk. … Għajjat daqsxejn għax peress li jiena nbati naqra mis-smiegħ, il-leħen tiegħi jgħajjat.* Huwa ċaħad li f'xi ħin offenda lill-imputat b'ommu u bil-mejtin tiegħu w insista li kull ma qallu kien biex isuq bil-mod. Ċaħad ukoll li għamillu xi mossi b'idejh u tenna li kull ma qallu kien biex isuq bil-mod. Ikkonferma li meta l-imputat reġa' ġie għalih, Jacqueline Debattista qaltlu biex ma joħroġx mill-karozza.

**Dr. Shana Marie Mifsud**[30] ikkonfermat li hija kienet ħarġet iċ-ċertifikat mediku esebit a fol. 13 tal-proċess u li kien jirrigwarda pazjent, Vincent Falzon, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 536162(M), illi nvistat ġewwa l-Emerġenza nhar l-20 ta' Novembru 2022. Dwar il-ġrieħi riskontrati fuq Falzon, Dr. Mifsud iddikjarat *he had a laceration on the frontotemporal area of his head, he did not require sutures, he required steri-strips and he had some abrasions on the dorsal of both of his hands.* Mistoqsija x'inhi d-differenza bejn punti u *steri-strips*, hija wieġbet *depending on the depth of the wound. If it is a larger and deeper wound it requires sutures and if not you can close it up with strips and it will heal on its own.* Xehdet ulterjorment illi *we did a CT scan of his brain to confirm that there was no intracranial pathology which there wasn't and we did x-rays of both his hands to confirm that there were no fractures which there weren't and the patient was discharged.* Mistoqsija kif ikklassifikat il-ġrieħi ta' Vincent Falzon, wieġbet illi ikklassifikathom bħala gravi.

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2023, fol. 56 sa' 58 tal-proċess.

L-**Espert Mediku Dr. Mario Scerri**[31] xehed illi huwa eżamina lil Vincent Falzon fit-2 ta' Mejju 2023 u *dan allega li kien involut f'inċident ma' l-imputat Francesco Brincat li allegatament taħ daqqa ta' ħadida fuq rasu. Dan spiċċa l-Isptar Mater Dei, itteħidlu CT scan tar-ras, dan is-CT scan jiena rajtu u nikkonferma illi ma kienx hemm evidenza ta' leżjonijiet trawmatiċi fir-ras. Spiċċa b'leżjoni fuq in-naħa tal-lemin tal-frontal region li kienet suturata, din il-leżjoni kienet ċikkatriċi riżultat ta' laċerazzjoni, riżultat ta' blunt trauma. Din iċ-ċikkatriċi qiegħda fuq ir-ras, tidher iżda mhux daqstant konspikwa from within talking distance, ma tidhirx ħafna u qiegħda fin-naħa ta' fuq tar-ras.* Mistoqsi kienx hemm ġrieħi ulterjuri, Dr. Scerri wieġeb *le, ma kien hemm xejn … Mill-x-rays ikkonfermajt, is-CT scan rajtu u ma kienx hemm leżjonijiet trawmatiċi, la fl-imnieħer, la fl-għadam tal-wiċċ u lanqas fuq ir-ras.* Ir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku ġie kkonfermata u esebita bħala Dok. "MS" a fol. 93 sa' 102 tal-proċess.

In kontro-eżami[32], l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri xehed illi Vincent Falzon ma sofra l-ebda effett permanenti in segwitu għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Għall-mistoqsija jekk għandux *tbatija jew perikli ta' xi ħaġa li tibqa' tkarkar mal-ħajja*, Dr. Scerri wieġeb *from the medical point of view, laċerazzjoni, xejn speċjali. From the medical legal point of view hemm ċikkatriċi però qiegħda mhux above the hair line, issa ħalliha li hu m'għandux xagħar, u tidher. It is above the hairline, it is a scar riżultat ta' laċerazzjoni, riżultat ta' blunt trauma tidher imma qiegħda fuq il-qurriegħa.* Mistoqsi jekk eżaminax files mediċi ta' Vincent Falzon, l-Espert Mediku ddikjara li dak ma kienx parti mill-inkarigu tiegħu. Mistoqsi jekk il-laċerazzjoni li sofra Vincent Falzon tikkwalifikax bħala offiża ta' natura gravi ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri wieġeb illi *dik tinterpretaha l-Qorti għaliex ċikkatriċi from the medical point of view m'hemmx kumplikazzjonijiet whatsoever, from the medico-legal point of view hemm ċikkatriċi li from within talking distance taraha, però qiegħda 'l fuq mil-livell tax-xagħar. Mhux qiegħda fuq il-wiċċ, mhux qiegħda fuq l-għonq, mhux qiegħda fuq l-id.*

L-**imputat**[33] xehed illi dakinhar ta' l-20 ta' Novembru 2002, għall-ħabta tal-11:00a.m., waqt li kien għaddej minn Pajzza Magri, *f'kantuniera kien hemm Vincent. … Jien u ndur il-kantuniera, kien hemm Vincent miexi f'nofs ta' triq, mhux ħa jaqsam, miexi f'nofs ta' triq u beda jgħolli idu u jikkumenta. Il-kumment ma smajthomx għax kelli t-twieqi mtellajn tal-karozza, niżżilt it-tieqa u għedtlu … għandek il-bankina bħal speċi fejn timxi, għalxiex qed timxi f'nofs ta' triq. Ħadha ħażin, joffendini. … Offendieni b'oxx il-liba ommi, bil-mejtin, bil-familja, bir-razza b'kollox. Jiena tlaqt u erġajt dort biex insib parking, għax ridt nipparkja, reġa' baqa' ġej, il-partner tiegħu, li tiġi l-kuġina t'ommi, bdiet iżżommu u erġajt dort. Għat-tielet darba, jien biex nipparkja dan reġa' ġie għalija. … Kont sejjer nixtri u reġa' ġie, jien bżajt, inżilt mill-karozza, kien hemm f'kantuniera skart, kaxxi u dan, qbadt l-ewwel xi ħaġa li ġiet f'idi.* Xehed illi Vincent Falzon *daħal fil-karozza u reġa' ħareġ għalija. … Ġie għalija, baqa' ġej għalija. … Qbadt xi ħaġa li ma nafx x'inhi, hu ġej għalija u ġara li ġara. … Tajtu daqqa.* L-imputat iddikjara li iddispjaċih ta' li għamel u żied jgħid li dak iż-żmien kienu qed jistennew xi riżultati ta' ommu dwar saħħa.

---

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023, fol. 92A u 92B tal-proċess.
[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2024, fol. 122 u 123 tal-proċess.
[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023, fol. 107 sa' 110 tal-proċess.

In kontro-eżami ddikjara li Vincent Falzon *l-ewwel ġie jgħajjarni … Infatti imnalla kelli l-karozza llokjata għax li kieku meta niżżilt it-tieqa, kien jiftaħli l-bieba.* Mistoqsi jekk f'xi ħin Falzon missux, l-imputat wieġeb *dak il-ħin le imma hu kien ġej biex imissni, jien bżajt u bħal speċi ddefendejt ruħi.*

Il-**Psikjatra Dr. Joseph Spiteri**[34] xehed li huwa l-Konsulent Psikjatra ta' l-imputat u kkonferma li dwaru ħareġ tlett ċertifikati, fil-11 ta' Marzu 2021, fil-15 ta' Ġunju 2023 u fit-28 ta' Marzu 2024 - Dok. "JS1" sa' Dok. "JS3" a fol. 128 sa' 130 tal-proċess. Fir-rigward ta' dawn iċ-ċertifikati, Dr. Spiteri ddikjara li *dawn jiddiskrivu il-kundizzjoni psikjatrika ta' Francesco Brincat* (illi huwa għaraf bħala l-imputat) *fejn jiena ddeskrivejt illi għandu kundizzjoni li aħna nsejħulha dual diagnosis fejn ibagħti minn ADHD ukoll kien hemm xi żmien fejn kien jabbuża wkoll mis-sustanza Cannabis. Huwa jbagħti wkoll minn obsessive compulsive disorder li huwa riżultat ta' dawn iż-żewġ affarijiet flimkien. Hu qed jieħu l-kura u għadni narah regolari sal-ġurnata ta' llum. … It-tfulija ta' Francesco kienet naqra diffiċli u minn barra hekk, jiena nifhem illi l-kundizzjoni ta' l-ADHD li hija attention deficit hyperactive disorder, ikollu attention span qasir, allura jitlalu malajr u l-affarijiet li aħna s-soltu nieħdu paċenzja bihom, hu taqbiżlu naqra ċ-ċinga malajr to understand. It-teħid tal-Cannabis jista' jkollha effett kemm pożittiv u kemm negattiv f'dawn in-nies. Jiġifieri kemm jikkalmawhom u kultant kemm jagħmluhom iktar eċitati. Imma to complicate matters, hu mbagħad għandu l-OCD, obsessive compulsive disorder. Din il-kundizzjoni hija imparti mill-ADHD però hija wkoll illi jidħol ħsieb ġo moħħu u jsibu diffiċli biex jirreżistih, ngħidulu intrusive u ħafna drabi jkun hemm compulsion biex jagħmel xi ħaġa biex jipprova jtaffi dan il-ħsieb. U dawn huma affarijiet regolari li jiġru fil-ħajja ta' Francesco.*
Mistoqsi mill-Qorti jekk b'tali kondizzjonijiet l-imputat għandux ikun qed isuq, Dr. Spiteri wieġeb *li ma semmejtx li qed jieħu l-kura għaliha jiġifieri hu, jiena qed nagħtih il-kura li hija kemm anti-psychotic jiġifieri xi ħaġa biex jikkalma ftit il-menti, u kemm anke Phaverine li huwa anti-depressant li għandu effett pożittiv fl-OCD.* Mistoqsi jekk l-imputat ilux *controlled* sa' mill-2021, ix-xhud wieġeb *le, ma nistax nikkonferma dak sewwa, fis-sens, number one jidħol il-compliance kemm tkun tajba jew le u number 2 skond l-istress tal-ħajja tiegħu, iċ-ċirkustanzi jinbidlu. Jiena jekk miniex niżbalja x'imkien lejn it-21, kellu problema fis-saħħa tal-mummy tiegħu illi għalhekk semmejt fil-bidu dik ir-relazzjoni importanti li hi kienet ma tiflaħx u allura l-impulsivity togħla. Eventwalment inżidu l-mediċini, nerġgħu nikkontrollawha u nerġgħu nibdew inaqqsu and it is up and down all the way.* Mistoqsi kemm-il darba jara lill-imputat, Dr. Spiteri wieġeb *hu jiġi qisu darba kull xahrejn, tliet xhur roughly. Jiġifieri iva, jiġi regolari.* Mill-ġdid mistoqsi kif kien l-imputat f'Novembru 2022, Diċembru 2022, Dr. Spiteri wieġeb *il-kundizzjoni hija practically l-istess għax jiena jkolli noti tiegħi u kien hemm dan il-perjodu ta' meta kellu l-mummy ma tiflaħx kien naqra iktar down u l-fittaġni kienet tagħfsu ħafna.*

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fl-20 ta' Novembru 2022, għall-ħabta ta' 11:15hrs, ġewwa Pjazza Patri Magri u/jew

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2024, fol. 125 sa' 127 tal-proċess.

f'dawn il-Gżejjer Maltin: volontarjament mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periku ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Vincent Falzon, dan skond ma ċċertifikat Dr. Shana Marie Mifsud, Med. Reg. No. 6528, mill-Isptar Mater Dei.

Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[35], stante li appuntu ġew ċitati l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-fatt li l-imputat ta daqqa lil Vincent Falzon huwa fatt inkonestat. Di fatti l-istess imputat, kemm fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija[36] kif ukoll fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti f'dawn il-proċeduri[37], ammetta li huwa qabad oġġett f'idu u beda jagħti bih lil Vincent Falzon. Madanakollu però huwa jissolleva l-iskriminanti tal-leġittima difesa u fil-kontro-eżami tiegħu jgħid *hu kien ġej biex imissni, jien bżajt u bħal speċi ddefendejt ruħi*[38]. In effetti l-imputat jikkontendi li kien Vincent Falzon li mar biex jaggredih u ma kienx hu li aggredixxa lil Falzon.

L-Artikolu 223 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima,* ***jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor***[39].

Fir-rigward ta' tali skriminanti, issir referenza għas-segwenti sentenzi:

Is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Clint Zammit**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Mejju 2014, fejn ingħad illi: *L-imputat eċċepixxa id-difiża ta' self defence għar-rigward ta' din l-akkuża. Persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressività ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun intlaħqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja ta' l-istess, bl-aġir ta' l-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament minn min jadotta dik it-tip ta' difiża iżda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-Artikolu 233* [recte: 223] *tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid: "Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor. Dan il-kliem huwa ċar ħafna fih innifsu. L-Artikolu 224 ta' l-istess Kap.9 jispeċifika l-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima. Jiġi rilevat minnufih li d-dritt għal leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Micallef" (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li: "Id-dispożizzjoni tal-liġi li tiskuża lil min jikkaġuna offiża lil persuna oħra in difesa tal-proprjetà tal-feritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun*

[35] Fol. 104 tal-proċess.
[36] Dok. "IV6" a fol. 14 sa' 16 tal-proċess.
[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023, fol. 107 sa' 110 tal-proċess.
[38] Fol. 110 tal-proċess.
[39] Enfasi tal-Qorti.

*skużabbli, għandha tiżvolgi ruħha dak il-mument stess li tkun qed tiġi nvaża il-proprjetà u in difesa attwali tagħha. F'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 1948 (Riv. Pen. 1948 pg. 213) ġie ritenut li: "per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. È sufficiente il gustificato timore di un' offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur" Il-liġi tagħna però timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Cioè t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun inġust, grai w inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża fil-ħajja, fil-ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setgħax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Jiġifieri, il-perikolu għandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel, għax dan jista' jagħti każ biss għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut cioè li f'dak il-mument li kien qed iseħħ, ma setgħax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Għandu jiġi applikat it-test soġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu tal-liġi penali jgħid: "The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time".*

Is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Augusto Auguliaro** pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998, fejn intqal illi *mhux kull min "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" neċessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-Liġi titkellem ċar dwar il-"bżonn attwali*[40] *tad-difiża leġittima*[41]*" ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' inevitabilità jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-ġlied li jara ġej meta dan ikun jista' b'mod raġonevoli*[42] *jiġi hekk evitat, imur mingħajr raġuni valida jaffrontah b'mod li jippreċipita huwa stess il-konfront fiżiku. Mill-kumpless tal-provi jidher ċar li l-appellant, meta kellu l-opportunità li jwarrab bil-kwiet u jevita l-konfront, għażel li jmur hu jistieden il-ġlied. ... Kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgery fil-kawża R. v. Julien (1969) 1 WLR 839: "It is not ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal, and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or something less serious". Din il-Qorti hi tal-fehma li din hi wkoll il-posizzjoni taħt il-liġi tagħna. Huwa veru li f'ħin minnhom l-appellant sab ruħu f'sitwazzjoni - maqbud f'headlock u minn taħt - fejn biex ma jkomplix jaqla' u biex jinqala' minn dik il-headlock l-aktar ħaġa faċli għalih kienet li juża l-mus, u f'dan is-sens biss jista'*

[40] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[41] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[42] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

*jingħad li hu kien qed jiddefendi ruħu (kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha), iżda peress li l-ġlieda kollha ġiet ippreċipitata mill-istess appellant meta dan seta' raġonevolment jevita dik il-ġlieda, din id-difiża li hu spiċċa li kellu jagħmel ma kellhiex l-elementi kollha meħtieġa mill-artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali u b'mod partikoli kien nieqes l-element tal-<u>bżonn</u>[43] kif aktar 'il fuq imfisser.*

Is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Ittubru 2003, fejn ingħad illi: *sabiex wieħed jista' jitkellem fuq leġittima difiża li twassal għall-ġustifikazzjoni jew non-imputabilità (a diferenza ta' sempliċi skużanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif digà ngħad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa neċessarji, cioè l-bżonn li l-minaċċja tkun gravi, tkun inġusta, tkun inevitabbli u fuq kollox ir-reazzjoni tkun proporzjonata għall-minaċċja jew għall-aggressjoni. Dwar l-element ta' l-inevitabilità l-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tiegħu "Lectures in Criminal Law, Part I", jgħid hekk (paġna 104): "The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means". Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilità tal-perikolu jew minaċċja, din il-Qorti diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Ġunju 1978 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech", wara li aċċennat għall-kontroversja klassika bejn dawk li jgħidu li jekk l-aggredit seta' jaħrab kien tenut li jagħmel hekk u dawk li jgħidu li l-aggredit ma għandu qatt jirtira, kompliet hekk: "Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax iżjed taċċetta bħala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment mill-każ tal-"Commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-ħsara, allura kien tenut jaħrab u illi jekk ma jaħrabx ma jistax minħabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; iżda fl-istess ħin ma taħsibx li tista' tagħti salvakondott għall-ispavalderija żejda. Dawn huma l-limiti ġusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni riġida applikabbli għall-każijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tiġi risolta każ b'każ, u fuq l-iskorta tal-prinċipji salutari li jiggovernaw dan il-każ klinikament tipiku ta' ġustifikazzjoni. Din il-Qorti kif issa komposta tazzarda żżid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilità tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi: l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-ċrikostanzi kollha, raġjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaċċja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anke billi sempliċement ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura, jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element ta' l-inevitabilità tal-perikolu jew minaċċja. Jekk però mill-banda l-oħra, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix*

[43] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

*nieqes l-element ta' l-inveitabilità. Mela l-aġent irid ikun qed jirreaġixxi (għall-aggressjoni jew minaċċja minnu ġa perċepita bħala inġusta u gravi) proprju biex ma jħallix il-ħsara mhedda sseħħ. Jiġifieri s-sitwazzjoni trid tkun waħda fejn l-aggressjoni jew minaċċja x'aktarx issir waħda verament inevitabbli, u mhux sempliċement preżunta li hi inevitabbli. A propożitu tar-rekwiżit ta' l-attwalità, il-ġurista Taljan Francesco Antolisei jgħid hekk: "Il codice Zanardelli parlava di pericolo "imminente", dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si è voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale è pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioè la probabilità che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacchè in tale caso l'aggredito ha la possibilità di invocare efficacemente la protezione dello Stato".*

Meta l-fatti tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi, din il-Qorti ssibha ferm diffiċli tasal għall-konklużjoni li l-imputat aġixxa b'leġittima difesa kontra, dik li jsejħilha, l-aggressjoni ta' Vincent Falzon fil-konfront tiegħu.

Jibda biex jingħad li wara li nqala' d-diverbju bejnu u Vincent Falzon, ossia wieħed għaliex skontu Falzon kien miexi f'nofs ta' triq u l-ieħor għaliex skontu l-imputat kien qed isuq b'veloċità eċċessiva u xarrabhom (lil Vincent Falzon u Jacquline Debattista) meta kienu qed jaqsmu t-triq fi Pjazza Patri Magri, il-Marsa, fejn anke għajru w offendew lil xulxin, hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' Jacqueline Debattista[44], l-imputat dar lura u reġa' mar fl-istess lok. Il-Qorti assolutament ma temminx lill-imputat meta jgħid illi huwa reġa' mar hemm għaliex ried jipparkja biex imur jixtri, imma hija ferm iktar tal-fehma u konvinta li l-imputat dar u mar lura fil-lok in kwistjoni għas-sodisfazzjon u biex jikkonfronta lil Vincent Falzon għaliex ħassu urtat meta dan Falzon offendieh b'ommu. Ladarba l-imputat kjarament mar lura biex jantagonizza lil Vincent Falzon u dan irreaġixxa billi ħareġ mill-karozza tiegħu - fatt dan ikkonfermat mill-istess Falzon fix-xhieda tiegħu[45] - ma jistax issa l-istess imputat jgħid li qabad oġġett u beda jagħti lil Falzon bih għax beża' minnu u ried jiddefendi lilu nnifsu. Fil-fehma tal-Qorti kien l-imputat stess li bl-aġir tiegħu ppreċipita s-sitwazzjoni, sitwazzjoni li già kienet teża bejnu u Vincent Falzon peress illi ftit tal-minuti biss qabel kienu għadhom kemm offendew u insulentaw lil xulxin. L-imputat mhux biss ippreċipita s-sitwazzjoni iżda kien hu li agredixxa lil Falzon u mhux sempliċement irreaġixxa għaliex Falzon allegatament agredixxa lilu.

Apparte minnhekk il-Qorti tqis li r-reazzjoni ta' l-imputat kienet fiċ-ċirkostanzi għalkollox spropozjonata biex tikkwalifika bħala leġittima difesa. Għalkemm Vincent Falzon ħareġ mill-karozza biex jikkonfronta lill-imputat meta dan ġie għalih, minn imkien ma jirriżulta li huwa agredixxa lill-imputat fiżikament jew li kien b'xi mod armat jew kellu xi ħaġa f'idejh li biha seta' jweġġa lill-imputat. B'hekk ma hemm xejn li jiġġustifika l-aġir ta' l-imputat li jaqbad oġġett u jibda jagħti bih lil Vincent Falzon f'rasu, għajr li tali aġir da parte ta' l-imputat kien vera u proprja agressjoni da parte tiegħu fil-konfront ta' Falzon.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti tqis li fil-każ in eżami l-iskriminanti tal-leġittima difesa assolutament ma treġix.

[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 36 sa' 43 tal-proċess.
[45] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022, fol. 47 sa' 52 tal-proċess.

Il-Qorti hija tal-fehma wkoll li fil-każ in eżami lanqas tapplika l-iskużanti tal-provokazzjoni. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Luke Farrugia**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ġunju 2021, fejn ingħad *huwa paċifiku li, diversament mil-leġittima difiża, il-benefiċċju ta dan l-attenwanti jingħata biss meta il-provokazzjoni ossia l-att provokatorju ikun tali li f nies ta temperament ordinarju komunement iġib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista jqis l-effett tad-delitt. Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta temperament ordinarju jitlef il-kontroll tiegħu. Il-kriterju għalhekk huwa wieħed oġġettiv: il-bniedem ta temperament ordinarju. F sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deċiża fl-10 ta Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela, ġie deċiż:- Meta tiġi biex titqies l-iskuża tal-provokazzjoni għandha titħares ir-regola miġjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta l-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża. Però dejjem irid ikun hemm provokazzjoni inġusta ... il-ġurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma l-attenwanti ġenerali tal-provokazzjoni igħid hekk: la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Perciò l-attenuante dovrà ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalità esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)." Illi għalhekk, jirriżulta li hemm żewġ elementi li jsawru dan l-iskużanti u cioè fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun waħda inġusta u trid tkun oġġettivament riskontrabbli, u fit-tieni lok trid tkun saret fil-waqt tal-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża.*

Għalkemm Vincent Falzon offenda w insulenta lill-imputat, u dana anke b'mod li l-imputat seta' ħassu mweġġa' u urtat b'li ntqal, l-aġir ta' l-imputat, b'mod partikolari fejn qabad oġġett u beda jagħti lil Falzon bih, ma jistax jitqies li kien reazzjoni għal provokazzjoni da parte ta' Falzon u dana billi, kif gia iktar 'l fuq osservat, l-imputat telaq minn fuq il-post u reġa' rritorna hemm wara ftit tal-ħin u kien f'dak il-mument li ħareġ mill-vettura tiegħu u aggredixxa lil Falzon. F'dan il-każ l-element ta' l-immedjatezza ta' l-azzjoni ta' l-imputat huwa għal kollox nieqes bil-konsegwenza li lanqas l-iskużanti tal-provokazzjoni ma tista' treġi fil-każ in eżami.

Stabbilit li l-imputat aggredixxa lil Vincent Falzon, b'dana li qabad oġġett u beda jagħtih ġo rasu bih, u għal tali aġir ma hemm l-ebda skriminanti jew skużanti, jeħtieġ issa li l-Qorti tikkunsidra l-ġrieħi kawżati lil Falzon mill-imputat.

Mix-xhieda ta' Dr. Shana-Marie Mifsud[46] u miċ-ċertifikat mediku maħruġ minnha[47], jirriżulta li b'konsegwenza ta' dan l-akkadut Vincent Falzon sofra *laceration on the frontotemporal area of his head, he did not require sutures* - in effetti l-ferita ġiet magħluqa permezz ta' steristrips in kwantu ma kenitx fonda ħafna, u Kellu xi

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2023, fol. 56 sa' 58 tal-proċess.
[47] Dok. "IV5" a fol. 13 tal-proċess.

*abraisons on the dorsal of both of his hands.* Saru CT scan tal-moħħ u X-Rays ta' idejh iżda ma rriżultax li kien hemm kwistjonijiet u ksur.

L-Espert Mediku Dr. Mario Scerri, maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex jeżamina lil Vincent Falzon għall-fini li jiddetermina n-natura tal-ġrieħi li ġarrab, il-viżibilità u il-permanenza o meno ta' l-istess, ikkonkluda, wara li appuntu eżamina lill-imsemmi Falzon, illi *ttieħidlu CT scan tar-ras u l-esponent ikkonferma illi ma kienx hemm evidenza ta' leżjonijiet trawmatiċi fir-ras; illi dan spiċċa b'leżjoni fuq in-naħa tal-lemin tal-frontal region li ġiet suturata. Din il-leżjoni kienet ċikkatriċi riżultat ta' laċerazzjoni kompatibbli ma' blunt trauma; Illi din iċ-ċikkatriċi qiegħda fuq ir-ras u tidher iżda mhux daqshekk konspikwa from within talking distance*[48]. In kontro-eżami waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2024[49], l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri iddikjara li Vincent Falzon ma sofriex effetti permanenti.

Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju[50], jirriżulta li l-Avukat Ġenerali indika *inter alia* l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala l-Artikolu tal-Liġi li taħtu din il-Qorti tista' ssib ħtija fl-imputat.

L-imsemmi artikolu tal-Liġi, li jittratta dwar l-offiża gravi fuq il-persuna, jipprovdi li: *(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa' seba' snin - (a) jekk tista' ġġib periklu - (i) tal-ħajja; (ii) ta' debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew (iii) ta' difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem; inkella (iv) ta' marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż; (ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218; (d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu; (e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien. (2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu f'każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża.*

Meta t-tip u natura ta' l-offiża subita minn Vincent Falzon in segwitu għall-aggressjoni da parte ta' l-imputat jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu appena ċitat, għandu jirriżulta immedjatament evidenti li l-offiża minnu hekk subita ma tistax u ma għandhiex titqies li hija offiża gravi ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti ma jirriżultax li Vincent Falzon kien fil-periklu tal-mewt, li sofra debulizza u/jew difett permenenti fil-ġisem jew marda permanenti tal-moħħ. Lanqas ma jirriżulta li l-ferita daħlet f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem tiegħu jew li damet iktar minn tletin ġurnata biex tfiq. Għalkemm meta nvistat minn Dr. Shana Marie Mifusd irriżulta li Vincent Falzon kellu *lacerations on the frontotemporal area of his head,* għal liema ma kellux bżonn punti imma ntużaw biss *steri-strips* stante li l-ferita

[48] Dok. "MS" a fol. 100 u 101 tal-proċess.
[49] Fol. 122 u 123 tal-proċess.
[50] Fol. 104 tal-proċess.

ma kenitx fonda ħafna, u xi *abraisons on the dorsal of both of his hands*, u għalkemm llum għandu ċikkatriċi f'rasu li tidher, iżda mhux daqshekk konspikwa *from within talking distance*, dawn il-feriti ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iċ-ċikkatriċi li Vincent Falzon għandu ma hijiex f'wiċċu, f'għonqu u f'idejh iżda hija fuq in-naħa ta' fuq ta' rasu u f'idejh kellu biss abbraisons li ma jikkostitwixxux sfreġju.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' offiża gravi ai termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq Vincent Falzon. Madanakollu però, il-Qorti tista' u fil-fatt għandha ssib lill-imputat ħati tar-reat inqas gravi, iżda kompriż u involut, ta' offiża ta' natura ħafifa ai termini ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm fin-Nota ta' Rinviju għal Ġudizzju[51], kif ingħad, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għal ħtija taħt dak maħsub *inter alia* fl-Artikoli 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tista' issib lill-imputat ħati tar-reat ta' offiża ħafifa ai termini ta 'l-Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta ' Malta, li kif ingħad huwa reat inqas gravi, iżda kompriż u involut, fir-reat indikat mill-Avukat Ġenerali, in bażi għall-prinċipju ġuridiku ormai assodat in materja li *meta ... ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti.* ***Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat***[52].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati talli fl-20 ta 'Novembru 2022, għall-ħabta ta '11:15hrs, ġewwa Pjazza Patri Magri, il-Marsa, volontarjament mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Vincent Falzon f'periku ċar, ikkaġuna lill-istess Vincent Falzon ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta 'natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli ħebb għal Vincent Falzon sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu l-ħsara u bit-**tielet imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, huwa qed jiġi mixli talli għamel inġuri jew theddid jew provokazzjoni b'mod li ħareġ mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Vincent Falzon.

---

[51] Fol. 104 tal-proċess.
[52] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001. Enfasi ta' din il-Qorti.

Dawn iż-żewġ imputazzjonijiet huma riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, fejn ġew ċitati l-Artikoli 339(d)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 339(1)(d)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna kull min: … (d) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodici; (e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.*

Fil-fehma tal-Qorti u fid-dawl ta' dak kollu già iktar 'l fuq osservat, ladarba l-azzjonijiet u atteġġjament ta' l-imputat versu Vincent Falzon jikkostitwixxu reat li jaqa' taħt l-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali, hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

In kwantu rigwarda t-tielet imputazzjoni dedotta l-imputat, mill-provi prodotti, għalkemm jirriżulta li l-imputat u Vincent Falzon effettivament insulentaw u offendew lil xulxin bil-familja u l-mejtin tagħhom, aġir dan xejn dinjituż da parte tat-tnejn li huma, ma jirriżultax li kien hemm inġurji jew theddid da parte ta' l-imputat versu Vincent Falzon. In oltre, ladarba l-Qorti sabet li l-aġir ta' l-imputat versu Vincent Falzon huwa nieqes mill-element ta' l-immedjatezza meħtieġ biex tali aġir jitqies bħala reazzjoni għal provokazzjoni, huwa evidenti li minn dan l-aspett ukoll l-Artikolu 339(1)e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

Konsegwentement għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bir-**raba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-imputazzjoni wkoll tinsab rifless fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[53], in kwantu fiha jinsab ċitat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din il-kontravvenzjoni ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Tanti**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2005, fejn ingħad illi: *kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Alfred Pisani" ir-reat kontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliża kien jissejjaħ "a breach of the peace". Bħala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilità ta'*

[53] Fol. 104 tal-proċess.

*reazzjoni għal dak l-għemil. ... U dik il-Qorti żiedet tgħid li:- "Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application". (P.985, para. 41-01). U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:- "although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance" (p. 986, para. 41-04).*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Claudio Overend**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2012, fejn ingħad illi *l-kunċett Ingliż ta' "breach of the peace" li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu "Offences Against Public Order" (London, Sweet & Maxwell, 1987( hekk: "... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell ... Walkins L.J. said: " ... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done" (p. 182)".*

Meta l-fatti ta' dan il-każ jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' tali prinċipji ġuridiċi għandu jirriżulta li bl-aġir tiegħu dakinhar ta' l-20 ta' Novembru 2022 ġewwa Pjazza Patri Magri, il-Marsa, versu Vincent Falzon, l-imputat effettivament irrenda ruħu ħati tal-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat aggredixxa lil Vincent Falzon u b'oġġett li kellu f'idu beda jagħtih. Huwa mhux biss weġġa' lil Falzon u għamillu ferita f'rasu imma bla dubju ta' xejn bl-aġir tiegħu nissel f'ħaddieħor, senjatament f'Jacqueline Debattista li kienet hemmhekk preżenti waqt l-akkadut kollu, inkwiet u tħassib dwar l-inkolumità fiżika ta' ħaddieħor, senjatament ta' Vincent Falzon, tant illi meta rat lill-imputat ġej għal Falzon qaltlu "Francesco x'se tagħmel" u "X'se tagħmel b'idejk Francesco".

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bil-**ħames imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli saq il-vettura ta 'l-għamla Mazda bin-Numru ta 'Reġistrazzjoni ECN-056 b'manjiera bla kont. Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali[54], fejn hemm indikat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

[54] Fol. 104 tal-proċess.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Mifsud**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997, fejn ingħad illi *sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità tas-sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** - l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri - *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan "bi traskuraġni kbira". Din it-tieni ipostesi, jiġifieri sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (dangerious driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-ħin u l-lokalità ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż.*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Gellel**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar 2004, fejn ingħad illi: ... *kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont; jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' "degree" (App. Krim. Pul. v. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. v. Wilson [Vol. XXXIX.iv.1018] u Pul. v. Alfred Vella [Vol. XLIV, p.933] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjetà tagħhom (App. Krim. Pul v. Hardingham, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu ir-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. v. Charles Farrugia [Vol. XXXIX.iv.978]). "Recklessness" ġiet definita bħala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. v. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. v. Antonio Spiteri [Vol. XLIV.iv.892]).*

Il-Qorti tosserva li fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari, l-unika prova li hemm huma, l-affermazzjoni ta' Jacqueline Debattista li tgħid illi meta hi u Vincent Falzon qasmu t-triq għaddiet karozza, li rriżulta li kienet misjuqa mill-imputat, tgħaġġel, u l-affermazzjoni ta' l-istess Vincent Falzon li fil-ħin li kienu qed jaqsmu għaddiet vettura (li kif ingħad irriżulta li kienet misjuqa mill-imputat), b'saħħitħa, li wara d-diverbju bejnu u s-sewwieq, baqgħet sejra sparata u li, skontu, f'salib it-toroq baqgħet ħierġa, tant li kien hemm karozza oħra li bdiet ddoqq.

Għalkemm dawn l-affermazzjonijiet jistgħu jkunu indikattivi ta' aġir partikolari da parte ta' l-imputat, il-Qorti tqis li l-istess **waħedhom** ma jilħuqx il-grad ta' prova meħtieġ mill-Prosekuzzjoni dwar il-ħtija ta' l-imputat, ossia grad ta' prova lil hinn

minn kull dubju raġonevoli. La Jacqueline Debattista u lanqas Vincent Falzon ma aċċennaw għall-veloċità li kien għaddej biha l-imputat iżda straħu biss fuq il-veduti soġġettivi tagħhom. In kwantu rigwarda salib it-toroq imsemmi minn Falzon, huwa ma jgħidx, u l-Prosekuzzjoni lanqas biss resqet prova, dwar liema salib it-toroq hu u dwar regoli ta' preċedenza applikabbli, biex b'hekk forsi wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li s-sewqan ta' l-imputat seta' ta lok għal xi sinistru stradali.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari il-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-grad ta' prova minnha rikjest mil-Liġi biex tirriżulta ħtija ta' l-imputat u konsegwentement, l-imsemmi imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bis-**sitt imputazzjoni** dedotta kontrih, il-Prosekuzzjoni qed taddebita lill-imputat ir-reċidiv ai termini ta 'l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, a bażi ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu[55], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija maħsuba fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dan isegwi għalhekk li din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, oriġinarjament indikat fiċ-*Charge Sheet* maħruġa fil-konfront ta' l-imputat.

L-Artikoli 49(1) u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *(1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn Qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor* [Artikolu 49(1)] u *meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħrufa l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor* [Artikolu 50].

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni partikolari, il-Prosekuzzjoni, tramite x-xhieda ta' l-Ispettur Andy Rotin[56], esebiet sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francesco Brincat" pronunċjata minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Ġunju 2019[57]. Dik is-sentenza ngħatat fil-konfront ta' Francesco Brincat, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 374599(M), li huwa l-istess numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat odjern. Għaldaqstant, tali sentenza ngħatat fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri.

B'dik is-sentenza l-imputat kien instab ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu f'dawk il-proċeduri u ġie kkundannat għal multa komplessiva ta' €100. Mix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2023[58], jirriżulta li is-sentenza in kwistjoni ma ġietx appellata u l-multa imposta fuq l-imputat tħallset fil-5 ta' Lulju 2019 - Dok. "SCTX" a fol. 88 u 89 tal-proċess.

---

[55] Fol. 104 tal-proċess.
[56] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, fol. 77 tal-proċess.
[57] Dok. "RT" a fol. 78 tal-proċess.
[58] Fol. 87 tal-proċess.

Peress illi r-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri seħħew fl-20 ta' Novembru 2022, huwa evidenti li l-istess twettqu wara li huwa kien ġia instab ħati ta' delitt u entro t-terminu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement għalhekk, l-imputat għandu jitqies li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Difiża bażata fuq kondizzjonijiet li jbagħti minnhom l-imputat illi jeffettwaw l-impulsività tiegħu:**

Tramite l-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri[59], l-imputat jressaq 'il quddiem difiża oħra kontra l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u cioè dik ta' *diminished responsibility*, minħabba li huwa jbagħti minn ADHD u Obsessive Compulsive Disorder.

L-imsemmi Psikjatra stqarr illi *t-tfulija ta' Francesco kienet naqra diffiċli u minn barra hekk, jiena nifhem illi l-kundizzjoni ta' l-ADHD li hija attention deficit hyperactive disorder, ikollu attention span qasir, allura jitlalu malajr u l-affarijiet li aħna s-soltu nieħdu paċenzja bihom, hu taqbiżlu naqra ċ-ċinga malajr to understand. It-teħid tal-Cannabis jista' jkollha effett kemm pożittiv u kemm negattiv f'dawn in-nies. Jiġifieri kemm jikkalmawhom u kultant kemm jagħmluhom iktar eċitati. Imma to complicate matters, hu mbagħad għandu l-OCD, obsessive compulsive disorder. Din il-kundizzjoni hija imparti mill-ADHD però hija wkoll illi l-ħsieb jidħol ħsieb ġo moħħu u jsibu diffiċli biex jirreżistih, ngħidulu intrusive u ħafna drabi jkun hemm compulsion biex jagħmel xi ħaġa biex jipprova jtaffi dan il-ħsieb. U dawn huma affarijiet regolari li jiġru fil-ħajja ta' Francesco.*

Fir-rigward tad-difiża hawn avvanzata mill-imputat, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-27 ta' April 2022: *dak li kellu jiġi stabbilit kwindi fil-każ taħt il-lenti tal-Qorti huwa l-presenza jew l-assenza tal-kapaċità ta' l-awtur tar-reat li jiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin fil-mument tal-kummissjoni tar-reat. Fil-fatt anke fil-każ ta' l-eżenzjoni maħsuba fl-artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali, mhux kull stat ta' ġenn jwassal lil persuna akkużata tibbenefika minnha, iżda biss dak l-istat ta' ġenn fis-sens legali billi jrid neċessarjament jiġi ppruvat li l-akkużat ma kienx jaf x'qed jagħmel u li dak li kien qed jagħmel kien ħażin. U allura għalkemm il-kapaċità mentali ta' l-appellat setgħat kienet waħda afflitta minn xi forma ta' diżabilità, dan ma jeżentahx awtomatikament mir-responsabbiltà penali sakemm ma jiġix ippruvat li huwa ma kienx konxju tal-fatt illi dak li kien qed jagħmel, b'referenza għall-aġir inkriminatorju minnu kommess, u mhux fl-astratt, kien moralment żbaljat u kontra l-Liġi. Illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti rinfaċċjata b'persuna b'kapaċità intelletwali ta' tifel, u li ma kienx afflitt minn ebda mard mentali, fejn allura strettament jista' jkun li ma jaqa' taħt ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi imħaddna fit-Titolu II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar "Il-Volontà u l-Età tal-Ħati". Illi l-Professur Mamo fin-noti tiegħu fil-fatt jitkellem dwar il-kunċett ta' dritt*

[59] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2024, fol. 125 u 126 tal-proċess.

*li jeżisti fis-sistema kontinentali, iżda mhux dik Maltija ta' l-hekk imsejjaħ "semi-responsibility" jew "diminished responsibility": "It is well known that there is no clear-cut line between the sane and the insane. The two grade into each other as day passes into night, and between the two extremes are certain twilight conditions, not serious enough to render the victim irresponsible for crime not even to require his confinement as an insane person in a mental hospital, but nevertheless rendering him incapable of sound, calm judgement, especially under the conditions of stress at which crime may be resorted to. These borderline types of mental unsoundness are sometimes referred to as partial insanity, which term, in connection with the subject we are now discussing means a mental impairment which is not so complete as to render its victim wholly irresponsible for his criminal acts. Now it has been sometimes argued that these border line cases of mental unsoundness, though not sufficient to come within the total exemption from criminal responsibility, should nevertheless serve as an extenuation of responsibility and reduce the punishment. These individuals, it is said may not be incapable of understanding the wrongfulness of their acts or of controlling their impulses, but they are less capable of doing so than normal persons, and the law should make allowance for this deficiency by punishing them less harshly than normal offenders". Illi għalkemm il-mediċina psikjatrika llum għamlet avvanzi kbar miż-żmien li kien qed jikteb il-kompjant Professur Mamo, madanakollu ma saret ebda bidla fil-liġi sabiex jiġi introdott dan il-kunċett ta' diminished responsibility applikabbli ghal dawk il-persuni adulti, li għalkemm ma humiex afflitti minn ebda mard mentali, madanakollu jbatu minn kundizzjonijiet oħra li jistgħu jaffettwawlhom il-kapaċità mentali tagħhom f'għajnejn il-liġi. Żgur, madanakollu, illi l-artikoli 35 u 37 tal-Kodiċi Kriminali ma jistgħux jiġu reżi applikabbli meta l-persuna akkużata hija adulta u mhux ta' l-età indikata fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi.*

Jiġi osservat li fil-każ in eżami, il-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri fl-ebda ħin ma qal li l-imputat ma jagħrafx bejn dak li huwa tajjeb u dak li huwa ħażin. Kull ma qal huwa li minħabba l-kondizzjonijiet li jgħid li għandu, l-imputat taqbiżlu iktar min-normal. Fil-fehma tal-Qorti dan ċertament ma għandux iwassal għall-eżoneru ta' l-imputat mir-responsabilità kriminali għall-aġir tiegħu jew għal xi diminuzzjoni fil-piena li tista' tiġi inflitta, iktar u iktar meta l-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri, filwaqt li pprova jargumenta li l-imputat għandu problema biex jikkontrolla l-impulsività tiegħu meta rinfaċċjat b'determinati sitwazzjonijiet u jkun *under stress*, fl-istess nifs, meta mistoqsi mill-Qorti jekk l-imputat għandux jitħalla jsuq meta għandu dawn il-problemi biex jikkontrolla l-impulsività tiegħu, qal li l-kundizzjonijiet ta' l-imputat huma *controlled*. Però magħfus ulterjorment mill-Qorti dwar jekk l-imputat kienx *controlled* fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, Dr. Spiteri qal *ma nistax nikkonferma dak sewwa, fis-sens, number one jidħol il-compliance kemm tkun tajba jew le u number 2 skond l-istress tal-ħajja tiegħu, iċ-ċirkustanzi jinbidlu. Jiena jekk miniex niżbalja x'imkien lejn it-21, kellu problema fis-saħħa tal-mummy tiegħu illi għalhekk semmejt fil-bidu dik ir-relazzjoni importanti li hi kienet ma tiflaħx u allura l-impulsivity togħla. Eventwalment inżidu l-mediċini, nerġgħu nikkontrollawha u nerġgħu nibdew inaqqsu and it is up and down all the way.*

Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ma jistax jitqies *controlled* biex ikun tajjeb biex isuq iżda għandu jitqies mhux *controlled* biex jiġġustifika jew jiskuża l-aġir tiegħu dakinhar ta' l-akkadut mertu ta' dawn il-proċeduri. Apparte minnhekk hemm ukoll

il-fatt li jekk l-imputat kien għaddej minn perijodu ta' inkwiet u ansjetà fiż-żmien in kwistjoni bil-konsegwenza li l-kondizzjoni tiegħu setgħet iggravat xi ftit, huwa kellu l-obbligu lejh innifsu u lejn ħaddieħor li jmur għand il-Psikjatra biex il-mediċini li jieħu jiġu ddożati b'tali mod li jkun jista' jiġi debitament sostnut f'tali żmien.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti tqis li d-difiża avvanzata mill-imputat ibbażata fuq il-kondizzjonijiet tiegħu ta' ADHD u Obsessive Compulsive Disorder, ma twassalx, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, għal xi forma ta' temperament tar-responsabilità kriminali tiegħu għar-reati minnu wettqa u li tagħhom qed jinstab ħati.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, anke l-fatt li rriżulta li l-offiża kaġunata lil Vincent Falzon hija waħda ta' natura ħafifa u mhux ta' natura gravi, u ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u li l-imputat iddikjara li jiddispjaċih ta' li għamel.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u filwaqt ukoll li mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tielet u tal-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 49, 50, 214, 215, 221(1) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat:

(1) Ħati talli fl-20 ta 'Novembru 2022, għall-ħabta ta '11:15hrs, ġewwa Pjazza Patri Magri, il-Marsa, volontarjament mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta 'Vincent Falzon f'periku ċar, ikkaġuna lill-istess Vincent Falzon ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta 'natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu;
(2) Ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih;
(3) Ħati ta' l-addebitu tar-reċidiva avvanzat bis-sitt imputazzjoni dedotta kontrih -

iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputat, is-sorveljanza tiegħu minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel l-imputat u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta 'l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta 'l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta 'l-Ordni ta 'Probation impost fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma '

tali Ordni ta 'Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta 'tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta 'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Peress li l-imputat mhux qed jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ġie lliberat minnha, il-Qorti tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta 'l-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Vincent Falzon u ta' Jacqueline Debattista. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-somma ta' €312.50[60] rappreżentanti spejjeż inkorsi man-nomina ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[60] Fol. 102 tal-proċess.